MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Numru 110/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Johann J Fenech**
**vs**
**Frankie Fava**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Frankie Fava, iben Francis u Carmena nee' Muscat mwieled Pieta fl-14 ta' Mejju 1977 u residenti 57 Triq Alessandru B'Bugia, ID 301777M.**

**Akkuzat talli fis-27 ta' Jannar 2007 ghall-habta ta' 12.30hrs f'Xatt San Gorg B'Bugia volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe vettura ta' l-ghamla Mitsubishi L200 bin-numru tar-registrazzjoni ABF 712 ghad-dannu ta' Mark Schembri minn B'Bugia, liema ammont jeccedi il-LM500.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin hebb kontra Mark Schembri minn B'Bugia sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu l-hsara.**

**Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin hebb kontra Mark Schembri jew jekk kien provokat, ingurjah b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Semghet ix-xhieda bil-gurament.**

**Mix-xhieda li gabet il-proskuzzjoni, l-imputazzjonijiet kontra l-imputat gew ppruvati.**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(h), 251(a), 338(dd), 339 (1)(e)(a) tal-kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan illi t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda u r-raba imputazzjoni hija assorbita fit-tielet wahda.**

**Il-Qorta wara li qieset li l-imputat hallas id-dejn kollu li kellu dwar il-hsara li kien ghamel, flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------